MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Numru. 557/2002

Il-Pulizija
(Spettur Dennis Theuma)
(Spettur Simon Galea)
Vs
Concetta Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli mill-fond “Chardys” sitwat fi Triq Notabile Attard :

1. Fis-6 ta’ Jannar 2002 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti ikkommetta serq ta’ flus kontanti u ta’ gojjellerija fejn il-valur tal-flus misruqa jeccedi LM 3000 ghad-dannu tal-familja Debono liema serq huwa aggravat bil-valur bil-persuna u bil-lok. Dan kollu bi ksur tal-artikoli 18, 267, 268 (a), w 269 (g) rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Aktar talli fis-7 ta' Jannar 2002 mill-istess residenza bil-hsieb li tisraq flus propjeta tal-famlja Debono, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 41 (1a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali ta' l-1 ta' Gunju, 2004 illi permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

Fl-Artikoli 18, 261 (c), 261 (d), 261 (e), 267, 268, 269, 279, 280, 281, 41 (1) (a), 282, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali u rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-kawza taghha tigi deciza u trattata bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dan waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2006, ghaldaqstant issib lill-istess imptutata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha;

Rat ghall-fini ta' piena il-pre-sentencing inquiry report maghmul fuq ordni tal-Qorti wara talba tad-difiza mill-Ufficjal tal-Probation Miriam Sevasta u senjatament rat il-konkluzjonijiet tal-imsemmi rapport.

Illi irrizulta illi mill-fedina penali tal-imputata l-ahhar darba li l-imputata kellha x'taqsam mas-sistema gudizzjarju kien hamsa u erbghin sena ilu u li matul dawn is-snin kollha hija qatt ma giet akkuzata b'serq. Illum il-gurnata l-imputata ghandha 69 sena u tghix ma zewgha f'dar f'ambjent pjuttost fqir. Huma t-tnejn pensjonanti u d-dhul taghhom fix-xahar hu ta' LM188 li minnhom iridu jhallsu l-kontijiet, jixtru l-ikel, kif ukoll il-medicina. Miriam Sevasta ikkonkludiet illi piena karcerarja tista tkun ta' detriment ghall-imputata minhabba diversi fatturi. Hija qalet ukoll illi l-imputata ikkoperat hafna mal-ufficjal tal-probation sabiex isir dan ir-rapport u issuggerit illi l-Qorti tikkunsidra sentenza sospiza fil-massimu taghha.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti ikkunsidrat dawn il-fatturi kollha u ikkunsidrat ukoll il-fatt illi kemm l-Avukati difensuri tal-imputata, kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur qablu mas-suggerimenti, u mar-rakkomandazzjonijiet u mal-konkluzjonijiet ta’ l-Ufficjal tal-Probation kif imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 qeghda tikkundanna lill-imputata, misjuba hatja kif diga intqal, ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba’ snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------